**<u>FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)</u>**
**<u>(BHALA QORTI ISTRUTTORJA)</u>**

**<u>MAGISTRAT DR JOSEPH APAP BOLOGNA BA LL D</u>**

<u>KUMPILAZZJONI NUMRU 372/02</u>

<u>Illum 13 ta' Mejju, 2002</u>

Il-Pulizija
(Spettur Sandro Zarb)
(Spettur Joseph Mercieca)

vs

Adel Salim Abu Aisha

**IL-QORTI**

Rat l-akkuzi migjuba mill-pulizija kontra l-akkuzat Adel Salim Abu Aisha u dan talli f'dawn il-gzejjer fit-23 ta' Marzu, 2002 u/jew fil-jiem ta' qabel, b'diversi atti maghmulin ukoll jekk fi zminijiet differenti u li jiksru l-istess dispozizzjonijiet tal-ligi u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda rrenda ruhu komplici ma' terza persuna fl-offizi kommessi mal-istess persuna cioe li b'mezzi kontra l-ligi jew billi ghamel uzu ta' ismijiet foloz jew ta' kwalifiki foloz jew billi nqeda b'qerq iehor, ingann, jew billi wera haga b'ohra sabiex igieghel titwemmen l-ezistenza ta' intrapizi foloz jew ta' hila, setgha fuq haddiehor jew ta' krediti mmaginarji jew sabiex tqanqal tama jew biza dwar xi grajja kimerika, ghamel qligh ta' erba mija u tnejn u sebghin lira maltin u 85 centezmu (LM472.85) bi hsara ta' Albert Robert Demanuele.

Kif ukoll talli matul dawn l-ahhar xhur minghajr ma nghata permess ta' residenza nizel l-art jew kien Malta minghajr il-permess rikjest mill-ufficjal principali tal-immigrazzjoni.

Rat it-talba tal-prosekuzzjoni biex barra milli taghti piena skond il-ligi, tiddikjara lill-imsemmi persuna bhala immigrant ipprojbit u tohrog Ordni ta' Tnehhija fil-konfront tieghu.

Rat il-kunsens tal-partijiet biex dan il-kaz jinstema bi procedura sommarja.

Semghet lill-akkuzat, minn jeddu, jammetti l-akkuzi kollha kif dedotti kontra tieghu.

Semghet il-partijiet jittrattaw dwar il-piena.

Issibu hati talli f'dawn il-gzejjer fit-23 ta' Marzu, 2002 u/jew fil-jiem ta' qabel, b'diversi atti maghmulin ukoll jekk fi zminijiet differenti u li jiksru l-istess dispozizzjonijiet tal-ligi u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda rrenda ruhu komplici ma' terza persuna fl-offizi kommessi mal-istess persuna cioe li b'mezzi kontra l-ligi jew billi ghamel uzu ta' ismijiet foloz jew ta' kwalifiki foloz jew billi nqeda b'qerq iehor, ingann, jew billi wera haga b'ohra sabiex igieghel titwemmen l-ezistenza ta' intrapizi foloz jew ta hila, setgha fuq haddiehor jew ta' krediti mmaginarji jew sabiex tqanqal tama jew biza dwar xi grajja kimerika, ghamel qligh ta' erba mija u tnejn u sebghin lira maltin u 85 centezmu (LM472.85) bi hsara ta' Albert Robert Demanuele. Kif ukoll talli matul dawn l-ahhar xhur minghajr ma nghata permess ta' residenza nizel l-art jew kien Malta minghajr il-permess rikjest mill-ufficjal principali tal-immigrazzjoni.

Rat l-artikoli relattivi.

In rigward piena, il-Qorti, wara li semghet lill-partijiet, u b'applikazzjoni tal-artikolu 28A tal-Kodici Kriminali, tikkundanna lill akkuzat ghal piena ta' sitt (6) xhur prigunerija

sospiza ghal sentejn bil-kundizzjoni li l-akkuzat, f'dan il-perjodu, ma jikkommettix reat iehor soggett ghal prigunerija.

Il-Qorti stess spjegat din is-sentenza lill-istess akkuzat fil-prezena tal-avukat difensur tieghu.

In oltre il-Qorti tordna lill-akkuzat biex ihallas lil Albert Robert Demanuele s-somma ta' erba' mija u tnejn u sebghin lira maltin u 85 centezmu (LM472.85)  sa zmien sitt xhur millum.

In oltre tordna il-hrug tal-annessa Formola ta' Ordni ta' Tnehhija kontra l-istess akkuzat u dan wara li rat l-artikolu 15 tal-Kapitolu 217 tal-Ligijiet ta' Malta..

L-ufficjali prosekuturi rtiraw il-passaport tal-istess akkuzat.

Alan Calleja
Deputat Registratur

Vera Kopja

Ghar-Registratur